DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2021/926

tas-7 ta' Ġunju 2021

dwar il-pożizzjonijiet li għandhom jittieħdu f'isem l-Unjoni Ewropea fi proċeduri bil-miktub mill-Parteċipanti fl-Arranġament dwar il-Krediti ta' Esportazzjoni Uffiċjalment Appoġġati u mill-Parteċipanti fil-Ftehim Settorjali dwar il-Krediti ta' Esportazzjoni għall-Inġenji tal-Ajru Ċivili fir-rigward tat-talbiet mir-Renju Unit biex isir Parteċipant fihom

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4), flimkien mal-Artikolu 218(9), tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-linji gwida li jinsabu fl-Arranġament dwar il-Krediti ta' Esportazzjoni Uffiċjalment Appoġġati (l-"Arranġament") żviluppati fil-qafas tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD, *Organisation for Economic Co-operation and Development*) japplikaw fl-Unjoni permezz tar-Regolament (UE) Nru 1233/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]).

(2) Il-Parteċipanti fl-Arranġament huma: l-Awstralja, il-Kanada, l-Unjoni Ewropea, il-Ġappun, il-Korea, in-New Zealand, in-Norveġja, l-Iżvizzera, it-Turkija u l-Istati Uniti.

(3) Il-Ftehim Settorjali dwar il-Krediti ta' Esportazzjoni għall-Inġenji tal-Ajru Ċivili (il-"FSIA") jinsab fl-Anness III tal-Arranġament u jifforma parti integrali mill-Arranġament. Għalhekk, il-FSIA japplika wkoll fl-Unjoni permezz tar-Regolament (UE) Nru 1233/2011.

(4) Il-Parteċipanti fil-FSIA huma l-Awstralja, il-Brażil, il-Kanada, l-Unjoni Ewropea, il-Ġappun, il-Korea, in-New Zealand, in-Norveġja, l-Iżvizzera u l-Istati Uniti.

(5) L-Arranġament, inkluż il-FSIA, jipprovdi qafas għall-użu ordnat u trasparenti ta' krediti ta' esportazzjoni uffiċjalment appoġġati fl-oqsma ta' applikazzjoni rispettivi tagħhom. Huwa mmirat li jikkultiva kundizzjonijiet ekwi għal krediti ta' esportazzjoni uffiċjalment appoġġati, sabiex jinkoraġġixxi l-kompetizzjoni fost l-esportaturi fuq il-bażi tal-kwalità u l-prezz tal-prodotti u s-servizzi esportati pjuttost milli fuq dik ta' termini u kundizzjonijiet finanzjarji uffiċjalment appoġġati li jkunu l-aktar favorevoli.

(6) Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq (ir-"Renju Unit") ħareġ mill-Unjoni b'effett mill-1 ta' Frar 2020 ([2]).

(7) F'konformità mal-Artikolu 3 tal-Arranġament, Membri tal-OECD li mhumiex Parteċipanti fl-Arranġament kif ukoll dawk li mhumiex membri tal-OECD jistgħu jiġu mistiedna mill-Parteċipanti attwali biex isiru Parteċipanti. Min mhuwiex Parteċipant fil-FSIA jista' jsir Parteċipant fih skont il-proċeduri stabbiliti fl-Appendiċi I tal-FSIA.

(8) F'ittra tat-28 ta' Jannar 2021, ir-Renju Unit talab li l-Parteċipanti fl-Arranġament u l-Parteċipanti fil-FSIA jaqblu li huwa jsir Parteċipant fl-Arranġament u Parteċipant fil-FSIA, rispettivament. Il-Parteċipanti fl-Arranġament u l-Parteċipanti fil-FSIA għandhom jiddeċiedu permezz ta' proċedura bil-miktub dwar dawk it-talbiet.

(9) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni dwar id-deċiżjoni li trid tiġi adottata mill-Parteċipanti fl-Arranġament, kif ukoll il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni dwar id-deċiżjoni li trid tiġi adottata mill-Parteċipanti fil-FSIA, peress li ż-żewġ deċiżjonijiet previsti se jkunu vinkolanti għall-Unjoni bis-saħħa tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) Nru 1233/2011,

([1]) Ir-Regolament (UE) Nru 1233/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar l-applikazzjoni ta' ċerti linji gwida fil-qasam tal-krediti ta' esportazzjoni uffiċjalment appoġġati u li jħassar id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2001/76/KE u 2001/77/KE (ĠU L 326, 8.12.2011, p. 45).

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/135 tat-30 ta' Jannar 2020 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (ĠU L 29, 31.1.2020, p. 1).

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-proċedura bil-miktub mill-Parteċipanti fl-Arranġament dwar il-Krediti ta' Esportazzjoni Uffiċjalment Appoġġati fir-rigward tat-talba mir-Renju Unit biex isir Parteċipant fl-Arranġament għandha tkun li dik it-talba tiġi appoġġata.

2. Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-proċedura bil-miktub mill-Parteċipanti fil-Ftehim Settorjali dwar il-Krediti ta' Esportazzjoni għall-Inġenji tal-Ajru Ċivili fir-rigward tat-talba mir-Renju Unit biex isir Parteċipant fil-Ftehim Settorjali għandha tkun li dik it-talba tiġi appoġġata.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fil-Lussemburgu, is-7 ta' Ġunju 2021.

Għall-Kunsill
Il-President
F. VAN DUNEM